# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Hamis 18 ta' Jannar 2001

Citazzjoni numru 426/96 AJM

Kawza numru

Formosa & Camilleri Ltd. Bhala agenti Malta tas-socjeta' estera Guardian Royal Exchage Assurance Plc, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha s-socjeta' Joseph Caruana Limited u b'nota tat-18 ta' Jannar 1999 is-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited assumiet l-atti tal-kawza bhala agenti Malta tas-socjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance plc.

Vs

Gollcher Company Limited, bhala agenti tas-socjeta' estera Grandi Traghetti spa Di Navigazione, armaturi tal-bastiment Republica di Venezia u tal-bastiment Splendid u The Cargo Handling Co.Ltd.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-8 ta' Frar 1996 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi s-socjeta' Joseph Caruana Limited importat mil Brazil tlett containers tat-tip 'flat rack' kontenenti tlieta u erbghin pallets injam tat-tipparana pine plywood (Dok A u B) u container iehor ukoll tat-tip 'flat rack' kontenenti zewg pallets injam tat-tip elliottis pine blockboard (Dok C u D) li gew trasportati ghall-vjagg minn Paranagua (Brazil) ghal Genoa (Italia) bil-bastiment Republica di Venezia u ghall-vjagg minn Genoa ghal Malta bil-bastiment Splendid; illi meta l-importatur mar biex jirtira l-merkanzija li waslet Malta fit-12 ta' Frra 1994 (Dok E) huwa sab il-hsarat li huma deskritti fir-rapport tas-surveyor tal-Institute ofLondon Underwriters (Dok F); illi l-merkanzija importata kellha kopertura assikurattiva mas-socjeta' attrici, ghalhekk l-istess socjeta' attrici, kif obbligata, ghal hsarat li garrab l-importatur, hallset is-somma ta' tlitt elef mitejn tnejn u erbghin lira (LM3242) li minnhom mitejn tnejn u tlettin lira (LM232) kienu survey fees u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet ta' l-importatur; illi s-socjetajiet konvenuti huma responsabbli ghal hsara fuq riferita u ghalkemm interpellati biex jassumu responsabbilita' ghad-danni baqghu inadempjenti; (Dok I u J); talab li din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut, jew min minnhom, responsabbli ghal hsara fuq riferita;
2. tikkundannahom jew min minnhom, li jhallsu lis-socjeta'attrici s-somma ta' tlitt elef mitejn tnejn u erbghin lira maltin (LM3242) li minnhom mitejn tnejn u tletin liri (LM232) kienu survey fees in linea ta' danni subiti mill-importatur u surrogata lis-socjeta' attrici bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni, fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi.

Bl-ispejjes kontra s-socjetajiet konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tas-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd tad-29 ta' Mejju 1996 li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li s-socjeta' The Cargo Handling Co Ltd ikkonsenjat il-merkanzija de quo lill-consignees or his authorised agents minghajr rimarki kif jidher ampjament car mill-Gate Passes Out nru 025173, 025181 u 025195.
2. Illi fit-tieni lok ghandu jigi esebit l-allegat kuntratt jew ftehim ta' agenzija li s-socjeta' attrici qed tallega li ghandha mas-socjeta' assikuratrici estera.
3. Illi fit-tielet lok u blapregudizzju ghal premess ghandu jigi esebit il-mod u/jew ic-cheque li bih sar il-pagament ta' LM2010.00 lis-socjeta' oseph Caruana Limited.
4. Illi l-esponenti jirriferu ghas-sentenza dwar is-survey fees allegati ma jistghux (jigu) reklamati stante li m'humiex danni ta' l-assigurat u l-interessi jiddekorru meta l-ammont jigi likwidat, stante li si tratta dwar kawza ta' danni (Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell – Sede Kummercjali deciza fis-6 ta' April 1992 – Citaz. Nru 112/86) fl-ismijiet Dr. Robert Staines u Walter Camilleri vs Chev. Silvio Mifsud u Godwin Abela u John Cavallo u KF 811/92 – Dr. Robert Staines vs S. Mifsud u Godwin Abela (deciza) fit-tlieta ta' Frar, 1994.
5. Illi ghalhekk il-konvenuti mhumiex responsabbli ai termini ta' l-artikolu 70 tal-Port Regulations sub-inciz (3) u l-artikolu 90 tal-Port Regulations Part VII warehousing goods stored in the open

and deposited in the open always at the sole risk of the owner u ghall-artikolu 6 tal-Port Ordinance.

6. Illi ghal dawn ir-ragunijiet is-socjeta' The Cargo Handling Co Ltd ma tistax tinsab responsabbli.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mis-socjeta' eccipjenti.

Rat in-nota tas-socjeta' Gollcher Company Limited noe tal-14 ta' Gunju 1996 li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi fl-ewwel lok l-attur iddekada mid-dritt ta' azzjoni ai termini tal-artikolu 17(2) tal-kondizzjonijiet tal-garr kif inkorporati fil-poloz ta' kariku relattivi.
2. Illi minghajr pregudizzju t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li s-socjeta' estera li garret din il-merkanzija ikkonsenjat il-containers in kwistjoni fl-istat li gew lilhom konsenjati tant li mal-wasla tal-istess Malta s-sigilli tal-container kienu intatti u di piu ma kien hemm ebda rimarki ohra dwar il-merkanzija. Di piu ghandu jigi rilevat illi l-containers tghabbew fuq il-bastiment in kwstjoni fl-istat li gew konsenjati lilhom mill-esportatur.
3. Minghajr pregudizzju kwalunkwe responsabbilita' li tista' tigi determinata fil-konfront ta' l-eccipjenti hija limitata ai termini tal-kondizzjonijiet tal-garr kif inkorporati fl-istess polza ta' kariku u fi kwalunkwe kaz ebda spejjes inkorsi in konnessjoni mas-survey ma jistghu ikunu dovuti mill-eccipjenti.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tas-socjeta' eccipjenti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-24 ta' Settembru 1996 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-13 ta' Novembru 1996 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Novembru 1996 meta inhatar bhala assistent gudizzjarju Dr. Kenneth Grima biex jigbor il-provi tal-partijiet liema assistent espleta l-inkarigu tieghu kif jidher mil-verbal ta'l-udjenza tal-5 ta' Mejju 2000 meta rritorna l-process.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-28 ta' Gunju 2000 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza bil-fakolta' lill-partijiet jippresentaw noti ta'osservazzjonijiet.

Rat in-nota ppresentata mis-socjeta' Gollcher Co. Ltd.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Is-socjeta' Joseph Caruana & Company Limited kienet inkarigat lis-socjeta' Gollcher bhala rappresentanti tas-socjeta' Grandi Traghetti SPA di Navigazzjoni biex iggorrilha merkanzija konsistenti fi plywood u blockboard mil Brasil sa Malta. Din il-merkanzija, mghobbija fuq tliet containers tat-tip Flatrack, giet imbarkata fuq il-bastiment Republika di Venezia fil-port ta'Paranagua, il-Brasil fid-19 ta' Jannar 1995. Matul it-tragit din il-merkanzija giet trasbordata ghal fuq il-bastiment Splendid, tal-istess socjeta' armatrici, fil-port ta' Genoa.

Il-merkanzija waslet Malta fit-12 ta' Frar 1995 u meta rappresentant tas-socjeta' importatrici mar biex jiehu konsenja tal-istess mis-shed tas-socjeta' The CargoHandling Company Limited, gie osservat li bosta mill-injam kien imxarrab u bil-moffa. Dan il-fatt gie rapportat lill-rappresentanti ta' The Cargo Handling kif ukoll lill-Kontrollur tad-Dwana. Sussegwentement sar survey minn John Borg Bellanti, mibghut mis-socjeta' attrici, li kkonstata l-hsara konsistenti f'tixrib, moffa, u tbajja fl-injam. Ix-xhud Anton Caruana, rappresentant tas-socjeta' Joseph Caruana Ltd., waqt li dan spezzjona il-merkanzija fit-tinda fuq il-moll, kien ukoll osserva li parti mil-plastic covering kien imcarrat. Ghalhekk wara li sar claim fuq il-polza mahruga mis-socjeta' attrici bhala kopertura tal-merkanzija waqt il-vjagg, intlahaq arrangament bejn l-assikurat u is-socjeta' attrici fis-sens li thallas kumpens fis-somma ta' tlett elef u ghaxar liri maltin (LM3010.00) rappresentanti hamsa u ghoxrin fil-mija tal-valur totali tal-merkanzija bit-tnaqqis ta' l-"excess" skond il-polza. L-ispejjes konnessi mas-survey kienu jammontaw ghas-somma ta' mitejn tnejn u tletin lira maltin (LM232.00).

Is-socjetajiet konvenuti gew interpellati sabiex jaghmlu tajjeb ghall-ammont globali LM3242.00, sborsat mis-socjeta' attrici, izda billi dawn cahdu r-responsabbilita' taghhom, kellha issir din il-kawza.

Ikkunsidrat:-

L-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' Gollcher fis-sens li s-socjeta' attrici ddekadiet mid-drittijiet taghha a termini ta' l-artikolu 17(2) tal-kondizzjonijiet tal-garr kif inkorporati fil-polza ta'karigu, giet irtirata mill-istess socjeta' fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha presentata fis-6 ta' Settembru 2000.

Irid jigi stabbili ghalhekk jekk il-hsara kagunata fil-merkanzija gratx waqt li din kienet fil-kustodja ta' xi wahda mis-socjetajiet konvenuti, u f'kaz affermattiv, jekk tali socjeta' ghandhiex tirrispondi ghad-danni.

Mill-provi prodotti jidher pacifiku li l-hsara fil-merkanzija certament kienet gja tezisti qabel ma din giet fil-pussess tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited. In effetti x-xhieda Borg Bellanti u l-ahwa Caruana, kollha qalu li dakinhar li l-merkanzija kienet spezzjonata fis-shed ta' din is-socjeta' ftit wara li nizlet minn abbord, kienet giet kostatata l-hsara u mhux biss, minn natura tal-istess hsara u cioe l-ammont ta' moffa, is-sadid fl-aljetti, kif ukoll il-presenza ta' dut fl-injamm, kien ovvju li t-tixrib kien gie kkawzat hafna qabel ma l-istess merkanzija nizlet minn abbord. Ma jirrizultax li waqt li l-merkanzija kienet fil-pussess tas-socjeta' The Cargo Handling din sofriet xi tixrib ulterjuri – anzi jidher li din giet storjata f'shed, u fil-granet li kienet f'idejn din is-socjeta' ma' ghamlitx xita partikolari. Minn dan il-Qorti tasal biex tikkonkludi li s-socjeta' The Cargo Handling ma ghandhiex tirrispondi ghad-danni subiti fil-merkanzija.

Il-hsara fil-merkanzija ghalhekk jidher li kienet giet kkawzata qabel din ma tnizlet minn abbord u cioe meta kienet ghadha fil-pussess tas-socjeta' Gollcher jew sahansitra qabel ma l-istess merkanzija ittellat abbord il-bastimenti taghha. Is-socjeta' Gollcher, fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha, donna pprovat ixxejjen dik il-prova li normalment wiehed jiehu mill-Bill of Lading. Jigi rilevat li dan id-dokument jghid li l-merkanzija tghabba "Clean on board" li taht cirkostanzi normali huwa evidenza li l-merkanzija tghabbiet f'kondizzjoni tajba. Is-socjeta' Gollcher qed tghid li gialadarba ma hemmx deskrizzjoni tal-merkanzija ghal dak li hija kwalita', kwantita' jew pis, l-carrier ma jassumix responsabbilita' ghal xi

nuqqasijiet jew hsarat. Izda l-istess Michael Chetcuti, Claims Manager, tas-socjeta' Gollcher iddikjara bla tlaqliq, li l-kelma "Clean" ma tfisser xejn izjed milli l-merkanzija telghet abbord "*f'kondizzjoni tajba.*" Isegwi li prova kontrarja kienet tispetta lill-istess socjeta' u mhux lil min gja kellu dikjarazzjoni ta' l-istess carrier favur tieghu. Fi kwalunkwe kaz hawn mhux qed nitkellmu dwar nuqqasijiet f'merkanzija fejn dikjarazzjoni tal-kwantita' mghobbija abbord hija relevanti, izda l-kwistjoni kollha tirrigward hsara f'merkanzija li, fil-mument li tnizlet minn abbord, kienet kollha presenti izda fi stat deterjorat. Din il-Qorti ghalhekk ma ssib ebda ezitazzjoni li tiddikjara s-socjeta' Gollcher Company Limited nomine responsabbli ghad-danni subiti fil-merkanzija.

Ikkunsidrat:-

Illi dwar l-eccezzjoni sollevata fir-rigward tal-ispejjes konnessi mas-survey report, din il-Qorti gja kellha okkazzjonijiet ohra tesprimi ruhha fis-sens li ghalkemm dawn l-ispejjes jkunu effettivament inkorsi mis-socjeta' attrici biex jigi determinat l-quantum tad-danni, gialadarba l-kawza qedha tigi istitwita mis-socjeta' Atlas Insurance qua surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha, d-drittijiet tal-istess socjeta' huma limitati ghal dak li jirrizulta mid-dokument H a fol 13 tal-process u cioe s-surroga tad-drittijiet naxxenti mill-pagament tas-somma ta' LM3010.00.

Illi dwar l-eccezzjoni moghtija mis-socjeta' The Cargo Handling fil-konfront ta' meta jibdew jiddekorru l-imghaxijiet, ghalkemm din is-socjeta' ser tigi liberata minn kull responsabbilita' kif inghad fuq, il-Qorti tosserva li f'dawn il-proceduri qed tintalab somma determinata u mhux somma li ghandha tigi likwidata u ghalhekk, a skans ta'prova ta' notifika

ta’ ittra ufficjali interpellatorja, l-imghaxijiet jiddekorru, kif korrettament talab l-attur, mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tipprovdi minn din il-vertenza billi filwaqt li tillibera lis-socjeta’ The Cargo Handling Co.Ltd minn kull responsabbilita, tilqa’ t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta’ Gollcher Company Limited nomine, fis-sens li tikkundanna lill-istess socjeta’ thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef u ghaxar liri (LM3010.00) rappresentanti valur ta’ hsara fil-merkanzija u tichada fir-rigward tas-survey fees.

L-ispejjes fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati kif sejjer jinghad. L-ispejjes tas-socjeta’ The Cargo Handling ghandhom jithallsu mis-socjeta’ attrici u dana billi rrizulta ampjament gja minn qabel gew istitwiti dawn il-proceduri, li din is-socjeta’ ma kelliex htija fl-akkadut. L-ispejjes l-ohra kollha jithallsu kwantu ghall-ghaxra fil-mija mis-socjeta’ attrici u r-rimanenti disghin fil-mija mis-socjeta’ Gollcher Company Limited nomine.

Onor Imhallef Albert J. Magri